



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-5 ta' Jannar 2021

L-awdituri jiskrutinizzaw l-appoġġ mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent

Attwalment, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed tivvaluta l-effettività tal-miżuri tal-UE biex tappoġġa l-istat tad-dritt – rekwiżit għall-adeżjoni – fil-Balkani tal-Punent. L-awditu qed ikopri erba' pajjiżi kandidati (l-Albanija, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro u s-Serbja) u żewġ pajjiżi kandidati potenzjali (il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Kosovo).

L-istat tad-dritt huwa valur Ewropew fundamentali. Għalkemm ma hemm l-ebda definizzjoni formali fil-livell tal-UE, huwa ġeneralment mifhum li jinkludi s-sitt prinċipji li ġejjin: l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, iċ-ċertezza tad-dritt, is-separazzjoni tas-setgħat, qrati indipendenti u imparzjali, proċeduri leġiżlattivi trasparenti u demokratiċi, u sħarriġ ġudizzjarju effettiv. Għalhekk it-tiżiħ tal-istat tad-dritt huwa intrinsikament marbut mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Huwa wkoll kundizzjoni ewlenija għat-*tkabbir ekonomiku*.

Biex jissieħbu mal-UE, il-pajjiżi kandidati jridu juru l-kapaċità tagħhom li jassumu l-obbligi tas-sħubija mal-UE, kif stabbilit fil-*"kriterji ta' Copenhagen"* tal-1993. L-ewwel wieħed minn dawn il-kriterji jirrigwarda l-eżistenza ta' istituzzjonijiet żviluppatti u stabbli li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, u r-rispett għal u l-protezzjoni tal-minoranzi. Il-*ħeffa tan-negozjati tal-adeżjoni* għalhekk tiddependi fil-biċċa l-kbira mill-progress li jkun sar f'dan il-qasam.

"L-istat tad-dritt huwa prerekwiżit mhux negozjabbli għas-sħubija mal-UE. Madankollu, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għadhom qed jiffaċċjaw problemi li jikkonċernaw il-korruzzjoni u kif jiffunzjonaw l-istituzzjonijiet pubbliċi tagħhom, li jfixklu l-adeżjoni tagħhom mal-UE", qal Juhan Parts, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. "L-awditu tagħna se jeżamina jekk l-UE ġenwinament tgħinhomx jiksbu progress f'dawn l-oqsma, sabiex ikunu jistgħu jkunu dalwaqt fi triqithom lejn is-sħubija mal-Unjoni."

Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent iseħħu fi *ħdan* dak li huwa magħruf bħala l-*"proċess ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni"*. Huwa jipprovdi appoġġ għall-istat tad-dritt

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-previżjoni ta' awditu maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-previżjoni sħiħa hija disponibbli bl-Ingliż fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

prinċipalment permezz ta' djalogu politiku, kif ukoll permezz tal-għoti ta' assistenza finanzjarja u teknika biex jgħin fl-implimentazzjoni tar-riformi neċessarji. B'mod ġenerali, għall-perjodu 2014-2020, l-UE allokat madwar EUR 700 miljun lill-Balkani tal-Punent biex tappoġġa l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, ammont li jirrappreżenta 16 % tal-assistenza bilaterali tal-UE lil dawn il-pajjiżi.

L-għan tal-awditu, li għadu kif inbeda, huwa li jiddetermina kemm kienu effettivi dawn il-miżuri fit-tiġħ tal-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent. B'mod partikolari, l-awdituri qed jeżaminaw jekk l-appoġġ mill-UE għall-istat tad-dritt:

- tfassalx b'mod xieraq;
- intużax tajjeb biex jindirizza l-problemi ewlenin identifikati; u
- irriżultax f'titjib konkret u sostenibbli, f'konformità mal-istandards tal-UE.

Informazzjoni ġenerali

Il-previżjoni ta' awditu, ippubblikata llum, tipprovdi informazzjoni dwar kompitu tal-awditjar li għaddej bħalissa dwar it-tiġħ tal-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent (l-awditu ma jkoprix lit-Turkija, il-ħames pajjiż kandidat uffiċjali). L-awditu huwa skedat li jiġi kkompletat lejn tmiem l-2021. Il-previżjonijiet ta' awditi huma bbażati fuq xogħol ta' tnejn li jsir qabel ma jinbeda awditu u ma għandhomx jitqiesu bħala osservazzjonijiet, konklużjonijiet jew rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. Il-previżjoni ta' awditu sħiħa hija disponibbli bl-Ingliż fuq is-sit web tal-QEA (www.eca.europa.eu).

Sadanittant, il-QEA qed twettaq ukoll awditu dwar [l-appoġġ mill-UE għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni kbira fl-Ukrajna](#).

Kuntatt għall-istampa għal din il-previżjoni ta' awditu

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502